

III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2009/834/PESK

tal-10 ta' Novembru 2009

li temenda l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru tas-Satelliti tal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2001 il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK dwar it-twaqqif ta' Ċentru tas-Satelliti tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾.
- (2) Fit-3 ta' Settembru 2009 l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel li l-membri kollha tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana għandhom ikunu intitolati li jiġu involuti fl-attivitajiet taċ-Ċentru u li prodotti taċ-Ċentru li jirriżultaw minn talbiet mill-Kunsill ikunu jistgħu jiġu distribwiti lil Stati terzi b'deċiżjoni tal-KPS.
- (3) L-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

Artikolu 1

L-Azzjoni Konġunta 2001/555/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 5, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“4. Il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà jista' jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli biex

jagħmel prodotti taċ-Ċentru li jirriżultaw minn talbiet magħmula skont l-Artikolu 2(1) disponibbli għal kull Stat terz stabbilit fuq bażi ta' każ b'każ.”;

2. L-Artikolu 21 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 21***Assoċjazzjoni ta' Stati terzi**

Minkejja l-Artikolu 5, Membri tan-NATO li mhumiex fl-UE u Stati oħra li huma kandidati għall-adeżjoni mal-UE għandhom ikunu intitolati li jiġu involuti fl-attivitajiet taċ-Ċentru skont id-Dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness.”.

Artikolu 2

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

A. BORG

⁽¹⁾ ĠU L 200, 25.7.2001, p. 5.